## ĦAL-LUQA LOCAL COUNCIL

# Administrative Report 2016

## Including

# Budget 2017

## 1.0 *Mayor's Letter*

Egħżież Residenti

Erġajna iltqajna hawn illum biex nagħtu rendikont tal-ħidma li saret b' paragun ma' dak li kien imwiegħed li kellu jsir matul din il-leġislatura. Kif hawn uħud minkom li kienu xhieda matul is-sena l-oħra għamilna żewġ proġetti li huma għall qalb il-Luqin u dawn huma l-Bandli u r-restawr tan-Niċċa ta' Sant' Andrija.

Madanakollu kien hemm ħafna affarijiet oħra li saru u li fosthom ressaqna l-prijoritajiet tagħkom għall ħidma. Matul din il-laqgħa tal-lum ukoll se nisimgħukom u nkomplu naħdmu fuqhom matul is-sena. Minn naħa tiegħi ta' kuljum inkun il-Kunsill biex dawk fostkom li jridu jwasluli xi diffikultajiet jien se nibqa nisma.

……………………………...

JOHN SCHEMBRI

Mayor

MARCH 2017

## 2.0 *The Council*

| Position | Meeting Attendance |
|---|---|
| ***Mayor*** | |
| Mr. John Schembri | 100% |
| ***Deputy Mayor*** | |
| Ms. Denise Cutajar | 100% |
| ***Councillors*** | |
| Mr. V. Caruana | 100% |
| Mr. Eric Camilleri | 91% |
| Mr. Kearon Bruno | 58% |
| Mrs. E Camilleri Schembri | 91% |
| Mrs. L. Massa | 75% |

***Executive Secretary***

Mr. Michael Portelli

***Assistant Principals***

Ms. A. Refalo
Mrs. I. Borg

***General Assistants***

Mr. M. Muscat

3.0 *Council Areas of Activity*

## ***Organisation& Responsabilites***

The Organisation structure implemented during 2016 has facilitated the day-to-day business of the Council and its Administrative Offices.



*Council Areas of Activity [cont.]*

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa wettaq żewġ wegħdiet li kienu imsemmija matul din il-leġislatura tal-Kunsill fejn qed nirreferu għall proġett tal-embellishment tal-Bandli u dak tar-restawr tal-istatwa ta' Sant' Andrija ta' Triq il-Karmnu.

Dawn huma fost l-aktar żewġ proġetti li jispikkaw billi huma f' postijiet prominenti u anki swew ħafna sabiex saru u qed iħallu benefiċċju fost ir-residenti imma l-Kunsill xorta waħda baqa jaħdem fil-ħidma ta' kuljum biex ikompli jagħti servizz lir-residenti u dawk kollha li jagħmlu użu minnu. Dan huwa l-iskop ta' dan ir-rapport li ħa jiffoka wkoll fuq il-parti li forsi ftit jafu fuqha.

## Proġetti Kapitali

Kif hawn imsemmi hawn fuq matul din is-sena għamilna proġett t' embellishment tal-Bandli biex ikunu jistgħu jsiru bandli ġodda u fl-istess ħin saret outdoor gym għall adulti. L-iskop kien li waqt li l-ġenituri jġibu l-uliedhom jitbandlu huma wkoll ikollhom ċans jagħmlu eżerċizzju flimkien mat-tfal tagħhom. Il-Kunsill applikka taħt skema tal-Proġetti Speċjali li kienet imneddija mis-Segretarjat Parlamentari għall Gvern Lokali u bbenefikajna minn € 65,000. Hawnhekk saru platforms ġodda fil-ħamrija, bandli ġodda għat tfal ta' kull eta, gates etc kifk ukoll sistema tas-CCTV biex toffri siġurta fiż-żona u jitnaqqsu ċertu abbużi. Dan kollu sewa madwar € 100,000. Nittamaw li kemm jista jkun nieħdu ħsieb dak li għandna biex ingawduh fit-tul.

l-istatwa ta' Sant' Andrija ta' Triq il-Karmnu kienet ilha fil-pjan li dan ikun irrestawrat. Kienet ħarġet skema apposta imsemmija Restawr ta' Postijiet Storiċi fejn tfajna żewġ proposti waħda dik ta' Sant' Andrija u oħra għall Kunċizzjoni ta fejn il-Knisja. L-Għażla kienet biex tkun irrestawrata l-istatwa ta' Sant' Andrija. Għalkemm ix-xogħol sar mill-ħaddiema tad-Direttoratt tar-Restawr, il-Kunsill ħallas biex issir it-tiswija tal-ark tad-dawl, bankina ġdida taħt l-istatwa, railing ġdid tal-ħadid kif ukoll iż-żebgħa u dak kollu relatatt mad-dawl. Dan kollu ġie jiswa madwar € 20,000. Sabiex ikun hemm aktar trasparenza fuq il-mod kif jinxtegħel id-dawl u l-amministrazzjoni tiegħu l-Kunsill issa ħa dan l inkarigu f' idu fejn fetaħ kont bankarju apposta li mill-flus li jinġabru fuq id-dawl dawn se jinżammu apposta biex jitħallas il-konsum tad-dawl tiegħu u kwalunkwe manutenzjoni li jkun hemm bżonn.

# *ADMINISTRATIVE REPORT 2016 & BUDGET 2017*

## Amministrazzjoni

Ċertu azzjonijiet ma jiddependux mill-Kunsill li dawn jitwettqu billi aħna nikkordinaw m' entitajiet oħra fosthom Enemalta, Transport Malta u ħafna oħrajn. Fejn jidħlu ilmenti relatatti ma toroq arterjali dawn jgħaddu mill-ewwel lilhom. Il-Kunsill baqa b' mod konsistenti jagħmel pressjoni biex isiru l-bus shelters u talbiet oħra fuq toroq li kienu mwiegħda minn leġiżlaturi preċedenti bħalma hi Triq Ġużeppi Ellul, Triq il-Mitjar u Triq Sebastiano Saliba. Il-frott iddum sakemm joħroġ imma eventwalment joħroġ kif ġara fil każ ta' Triq Ħal Farruġ meta issa qed ikun installat id-dawl. Dan l-ilment kien imressaq mis-Sindku waqt laqgħa tal-kabinett li kienet saret fil-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġia fl-2015 u minn dak iż-żmien kienu inbdew il-preparamenti minn naħa tal-Ministeru tal-Enerġija u issa wasalna fil-fażi tal-installazzjoni.

Semmejna d-dawl tat-toroq u tajjeb li tkunu tafu li fejn jidħol id-dawl tal-Kunsill hemm ftehim mal-kuntrattur li jidħlu tlett ħsarat u tkun mgħoddija works order biex issir tiswija fuqhom. Jekk jgħaddi ċertu żmien daqs ġimgħa u ma jkunx hemm tlett ħsarat dawn xorta jkunu mgħoddija lilu. Ħsarat tad-dawl li jkunu f' toroq arterjali u distributorji jridu jsiru mit-Transport Malta fejn jekk jirriżulta li jkun hemm komplikazzjonijiet fid-dawl tidħol anki l-Enemalta u ż-żmien itul. Dawn is-sitwazzjonijiet m' għandniex kontroll fuqhom u l-unika ħaġa li nistgħu nagħmlu hija li nagħmlu pressjoni.

L-istess huwa l-każ fuq il-bus shelters fejn ilna sitt snin nitolbuhom. L-aħħar aħbar li għandna hija li ħareġ it-tender u għalaq u issa qiegħed għall proċess tal-aġġudikazzjoni. Qed nistennew li fi ftit taż-żmien ieħor ikun hawn aktar progress fuq dan is-suġġett.

Parti oħra mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill tikkonsisti li kontinwament nżommu moniteraġġ fuq il-kuntratturi li jagħtu servizz fil-lokalita. Is-servizz tal-ġbir tal-iskart u l-knies huwa wieħed minn dawn. Għalkemm is-servizz tjieb għax il-Kunsill kien ħass il-bżonn li kellu jbiddel it-tender minħabba n-nuqqasijiet tal-kuntrattur preċedenti xorta waħda naraw is-sitwazzjonijiet kif inhuma fit-toroq u fejn ikun hemm bżonn inkellmu lil-kuntrattur biex dan jirrimedja.

Bost ilmenti li jaslu mingħandkom ngħadduhom permezz tas-sistema tal-customer care jew inkella jekk tassew ikunu urġenti nċemplu mill-ewwel f' ras il-għajn u b' hekk jiġu solvuti fl-iqsar żmien possibli.

Għalkemm jonqos toroq xi jsiru u affarijiet oħra ta' bżonn dan il-Kunsill ma jaħdimx kif jaħdmu Kunsilli oħra li jagħmlu ħafna djun u wara ċertu żmien jispiċċaw biex ikollhom jaqdu l-funzjonijiet ta' kuljum biss. Bi pjaċir ngħidu li għall snin twal dan il-Kunsill dejjem spiċċa is-sena b' surplus u ninsabu fost il-Kunsilli b' saħħithom ta' Malta.

# *ADMINISTRATIVE REPORT 2016 & BUDGET 2017*

## Edukazzjoni

l-uffiċini l-ġodda jagħmluha possibli biex hawn isiru numru ta' korsijiet edukattivi kemm għaż-żgħar kif ukoll għall kbar. Matul is-sena l-oħra saru korsijiet fuq cake decoration, zumba, reading classes għat tfal u bosta oħra. Dawn il-korsijiet ikunu issussidjati biex b' hekk tkun possibli għal kulħadd sabiex jattendu għalihom.

Għall sena oħra il-librerija ingħatat kotba ġodda biex jiżdiedu mal-kollezzjoni u b' hekk jibqgħu jiġu l-qarreja b' numru tajjeb lejn il-librerija ta' Ħal Luqa. Apparti dan il-Kunsill Lokali iħallas l-overtime lil-librara biex il-librerija tkun tista tinfetaħ nhar ta' Sibt billi jkun hemm aktar nies li jistgħu jagħmlu użu minnha.

Kellna laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn flimkien rajna x' possibilitajiet hemm sabiex il-librerija preżenti tkun estiża u b' hekk tilqa fiha aktar kotba minn kemm tista iżżomm fiha bħalissa. Qed nistennew u naraw kif se jkomplu jiżvolġu dawn id-diskussjonijiet.

Kien hemm ukoll opportunita li l-Kunsill Lokali applika taħt il-program Erasmus biex alljevi mill-Każini u bandisti oħra jkunu jistgħu jitilgħu l-Polonja u jdoqqu ma Bandisti minn dan il-pajjiż. Sfortunatament din l-applikazzjoni ma kinitx magħżula għall raġunijiet li ħassejna li ma kinux ġustifikati. Mingħajr ma qtajna qalbna erġajna applikkajna u issa qed nistennew l-andament tar-riżultat.

## Kultura

Il-kultura hija l-aspett li tiddistingwi lil Ħal Luqa minn irħula u sena wara l-oħra intellgħu attivita li tkun apposta għar raħal tagħna. Matul is-sena l-oħra Jum Ħal Luqa kien xorta waħda ikkomemorat f' Mejju imma l-attivita li s-soltu nagħmlu dak iż-żmien tħalliet għall wara s-Sajf u saret f' Settembru. L-ewwel parti kienet tikkonsisti f' esebizzjoni tal-karozzi antiki, Amerikani u Ġappuniżi u t-tieni parti kienet tikkonsisti f' attivita bl-isem Malti u Ġenwin li

matulha anki tajna Ġieħ Ħal Luqa lil Viċi Kappillan u lil Ċettina Spiteri. Ta minn jgħid li dakinhar il-Każini tal-Banda kienu avviċinatti biex jħejju xi ikel Malti u jbiegħuh lin-nies fejn dan ħalla opportunita tajba għall Każini. Dakinhar ukoll iż-żewġ Każini taw servizz ta' marċi u għalih ingħataw € 500 kull wieħed.

L-għaqdiet huma għall qalb il-Kunsill Lokali u fejn huwa possibli dejjem tajna l-assistenza tagħna bħalma huwa l-każ fejn Luqa St. Andrew's FC jingħataw assistenza għas Summer Camp li jsir biex jittrenjaw it-tfal.

Il-Każini jaħdmu flimkien mal-Kunsill Lokali biex meta jasal żmien il-Milied jkompli jiżdied id-dawl fit-toroq. Kull sena dawn jżiedu xi dekorazzjonijiet ġodda li jinħadmu minn nies tal-Każini għall Kunsill Lokali. Ta dan il-Każini jingħataw € 1,000 kull wieħed.

Fuq nota pożittiva s-sena l-oħra urejna l-interess tagħna biex napplikkaw għall proġett ta' twinning flimkien ma Giardini di Naxos fejn il-proġett se jkun qed jittratta temi kurrenti fl-

Unjoni Ewropeja. Ftit tal-ġimgħat ilu ġejna infurmati li din l-applikazzjoni kienet milqugħa u għalhekk se nkunu qed nieħdu sehem f' dan il-proġett. Dawn l-esperjenzi iservu biex il-Kunsill tagħna jagħmel kuntatti m' entitajiet oħra u naqsmu l-ideat tagħna.

## Qasam Soċjali

Is-sena l-oħra erġajna għall darb' oħra organiżżajna l-ħarġa għall Għawdex billi nafu kemm hawn minkom ikunu qed jistennew din il-ħarġa mill-Kunsill u għall darb' oħra nistgħu ngħidu li dan il-Kunsill żamm il-prezz ta' din il-ħarġa relattivament baxx fejn Kunsilli oħra għax ma rridux li nħallu lil xi ħadd barra minħabba l-prezzijiet.

Il-ġita għall Sqallija kellha feedback tajjeb u għalhekk erġajna organiżżajniha kif għamilna iż-żewġ darbiet ta' qabel. Hawnhekk biddilna l-postijiet ħalli dawk li jkunu ġew magħna d-drabi ta' qabel ma jarawx l-istess ħaġa. Nittamaw li għall darb' oħra nerġgħu norganiżżawha.

Ix-Xitwa ġġib il-mard u l-influwenza u lejn tmiem is-Sajf nibdew nikkordinaw mad-Dipartiment tas-Saħħa biex issir it-tilqima tal-Influwenza fil-Kunsill Lokali biex nkunu viċin tagħkom. Din it-tilqima tingħata lill-Anzjani u persuni vulnerabli biex jkunu protetti minn ħafna komplikazzjonijiet li jġib miegħu dan il-virus. Il-Kunsill iħallas għas servizz tan-nurse mill-fondi allokatti lilu.

Dan ir-rapport jiġbor fih taqsira tax-xogħol li jsir fuq kull qasam li għandu taħt l-inkarigu tiegħu l-Kunsill Lokali. Wara dawn l-avvenimenti kollha u progress imsemmi hawn hemm volum akbar ta' xogħol li ma jidhirx u qed iwassal għall dan kollu. Laqgħa bħal din tal-lum hija opportunita oħra biex aħna nkunu viċin tagħkom u nisimgħu lil xulxin.

# BUDGET

# 2017

# CONSOLIDATED INCOME AND EXPENDITURE

**2.1 Estimi Konsolidati ta' Dhul u Nfiq**

| | | a | b | c | c-a/a-c | c-b/b-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru tal-Kont** | **Deskrizzjoni** | **STIMA 2012 (€)** | **ATTWALI 2012 (€)** | **STIMA 2013 (€)** | **VAR STI - STI (€)** | **VAR STI - ATT (€)** |
| **2** | **Dhul** | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 680,752.00 | 350,502.40 | 618,744.00 | (62,008.00) | 268,241.60 |
| 0020 | Bye-laws | 6,000.00 | 228,743.13 | 10,000.00 | 4,000.00 | (218,743.13) |
| 0090 | Investiment | 4,500.00 | 2,805.87 | 3,000.00 | (1,500.00) | 194.13 |
| | TOTAL | **691,252.00** | **582,051.40** | **631,744.00** | **(59,508.00)** | **49,692.60** |
| **1** | **Infiq** | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 91,148.00 | 81,570.18 | 85,115.34 | 6,032.66 | (3,545.16) |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | 214,500.03 | 287,280.05 | 134,608.34 | 79,891.69 | 152,671.71 |
| 7000 | Infieq Kapitali | 342,164.00 | 147,169.25 | 411,000.00 | (68,836.00) | (263,830.75) |
| | TOTAL | **647,812.03** | **516,019.48** | **630,723.68** | **17,088.35** | **(114,704.20)** |
| | **Bilanc** | **43,439.97** | **66,031.92** | **1,020.32** | **(76,596.35)** | **(65,011.60)** |

**2.2 Estimi dettaljati ta' Dhul**

| | | a | b | c | c-a | c-b |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **STIMA 2012 (€)** | **ATTWALI 2012 (€)** | **STIMA 2013 (€)** | **VAR STI - STI (€)** | **VAR STI - ATT (€)** |
| **2** | **Dhul** | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | | |
| 0001 | Annwali | 366,752.00 | 345,362.40 | 356,744.00 | (10,008.00) | 11,381.60 |
| 0002 | Supplimentari | | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Speðjali | 288,000.00 | | | (288,000.00) | |
| 0004 | Delegazzjoni Publika/Governattiva | | | | | |
| 0015 | Ohrajn | 26,000.00 | 5,140.00 | 262,000.00 | 236,000.00 | 256,860.00 |
| | | **680,752.00** | **350,502.40** | **618,744.00** | **(62,008.00)** | **268,241.60** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | 7,712.67 | | | (7,712.67) |
| 0036 | Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 6,000.00 | 213,542.26 | 10,000.00 | 4,000.00 | (203,542.26) |
| 0056 | Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| 0066 | Generali | | 7,488.20 | | | (7,488.20) |
| | | **6,000.00** | **228,743.13** | **10,000.00** | **4,000.00** | **(218,743.13)** |
| 0090 | Investiment | | | | | |
| 0091 | Interess Bankarju | 4,500.00 | 2,805.87 | 3,000.00 | (1,500.00) | 194.13 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **4,500.00** | **2,805.87** | **3,000.00** | **(1,500.00)** | **194.13** |
| | **TOTAL** | **691,252.00** | **582,051.40** | **631,744.00** | **(59,508.00)** | **49,692.60** |

**2.3 Estimi dettaljati ta' Nfiq**

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>STIMA<br>2012<br>(€) | b<br>ATTWALI<br>2012<br>(€) | c<br>STIMA<br>2013<br>(€) | a-c<br>VAR<br>STI - STI<br>(€) | b-c<br>VAR<br>STI - ATT<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Infiq** | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 9,637.00 | 9,546.03 | 9,485.97 | 151.03 | 60.06 |
| 1150 | Allowance lil Kunsilliera | 8,400.00 | 8,540.00 | 8,400.00 | | |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 60,325.00 | 52,874.26 | 58,273.93 | 2,051.07 | (5,399.67) |
| 1300 | Bonus | 1,536.00 | 828.19 | 1,537.00 | (1.00) | (708.81) |
| 1400 | Dóul Supplimentari | | 2,817.97 | | | 2,817.97 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Socjali | 5,000.00 | 4,406.83 | 5,354.44 | (354.44) | (947.61) |
| 1600 | 'Allowances' | 4,200.00 | 544.24 | | 4,200.00 | 544.24 |
| 1700 | 'Overtime' | 2,050.00 | 2,012.66 | 2,064.00 | (14.00) | (51.34) |
| | | **91,148.00** | **81,570.18** | **85,115.34** | **6,032.66** | **(3,685.16)** |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon,etc. | 6,100.00 | 4,943.71 | 5,000.00 | 1,100.00 | (56.29) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Sup.) | 2,500.00 | 511.80 | 2,000.00 | 500.00 | (1,488.20) |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 20,000.00 | 18,363.42 | 5,000.00 | 15,000.00 | 13,363.42 |
| 2400 | Kera | 1,819.03 | 1,558.34 | 1,558.34 | 260.69 | |
| 2500 | Shubija f'Assocjazzjonijiet Int. | | 7,620.00 | | | 7,620.00 |
| 2600 | Spejjes ta' l-Ufficju | 4,000.00 | 2,370.82 | 4500 | (500.00) | (2,129.18) |
| 2700 | Trasport | 1,581.00 | 698.21 | 950.00 | 631.00 | (251.79) |
| 2800 | Vjaggar/safar | | - | | | |
| 2900 | Informazzjoni ghal-Publiku | 3,500.00 | 1,502.79 | 2,000.00 | 1,500.00 | (497.21) |
| 3000 | Servizzi b' Kuntratt | 135,000.00 | 141,670.93 | 92,000.00 | 43,000.00 | 49,670.93 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 20,000.00 | 17,112.31 | 10,000.00 | 10,000.00 | 7,112.31 |
| 3200 | Training | | - | | | |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 11,000.00 | 14,109.75 | 7,000.00 | 4,000.00 | 7,109.75 |
| 3600 | Spejjez LES | 6,000.00 | 76,817.97 | 3,600.00 | 2,400.00 | 73,217.97 |
| 3400 | Spejjes Incidentali | 3,000.00 | - | 1,000.00 | 2,000.00 | (1,000.00) |
| | | **214,500.03** | **287,280.05** | **134,608.34** | **79,891.69** | **152,671.71** |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | 323,164.00 | 116,932.78 | 70,000.00 | 253,164.00 | 46,932.78 |
| 7200 | Titjib | 19,000.00 | 6,372.86 | 47,000.00 | (28,000.00) | (40,627.14) |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | 23,863.61 | | | 23,863.61 |
| 7500 | Proíetti Specjali | | - | 294000.00 | (294,000.00) | (294,000.00) |
| | | **342,164.00** | **147,169.25** | **411,000.00** | **(68,836.00)** | **(263,830.75)** |
| - | | | | | | |
| | **TOTAL** | **647,812.03** | **516,019.48** | **630,723.68** | **17,088.35** | **(114,844.20)** |

# EXPENDITURE—Cash Budget

Year **2013**

| DESKRIZZJONI | QTR 4<br>OCT-DEC<br>2012<br>(€) | QTR 1<br>JAN-MAR<br>2013<br>(€) | QTR 2<br>APR-JUN<br>2013<br>(€) | QTR 3<br>JUL-SEP<br>2013<br>(€) | QTR 4<br>OCT-DEC<br>2013<br>(€) | TOTAL<br>2013<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dhul** | | | | | | |
| **Tal-Gvern** | | | | | | |
| Annwali | 87,056.25 | 89,186.00 | 89,186.00 | 89,186.00 | 89,186.00 | 356,744.00 |
| Supplimentari | | | | | | |
| Bzonnijiet Specjali | 72,000.00 | | | | | |
| Entitajiet Publici/Governattivi | | | | | | |
| Ohrajn | | 65,500.00 | 65,500.00 | 65,500.00 | 65,500.00 | 262,000.00 |
| **Bye-Laws** | | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | | | | | | |
| Kontravvenzjonijiet - LES | 37,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 10,000.00 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | | |
| Generali | | | | | | |
| **Investiment** | | | | | | |
| Interess Bankarju | 3,000.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| **TOTAL** | **199,556.25** | **157,936.00** | **157,936.00** | **157,936.00** | **157,936.00** | **631,744.00** |
| **Infieq** | | | | | | |
| **Salarji u Pagi** | | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 1,909.21 | 2,371.49 | 2,371.49 | 2,371.49 | 2,371.50 | 9,485.97 |
| Allowance lil-kunsilliera | 1,860.00 | 2,100.00 | 2,100.00 | 2,100.00 | 2,100.00 | 8,400.00 |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 13,250.00 | 14,568.49 | 14,568.48 | 14,568.48 | 14,568.48 | 58,273.93 |
| Bonus | | 384.25 | 384.25 | 384.25 | 384.25 | 1,537.00 |
| Dhul Supplimentari | 300.00 | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Socjali | 1,211.21 | 1,338.61 | 1,338.61 | 1,338.61 | 1,338.61 | 5,354.44 |
| 'Allowances' | | | | | | |
| 'Overtime' | 565.50 | 516.00 | 516.00 | 516.00 | 516.00 | 2,064.00 |
| **Manutensjoni u Xogholijiet ohra** | | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 1,525.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 5,000.00 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 544.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| Tiswijiet u manutensjoni | 2,500.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 5,000.00 |
| Kera | 711.50 | 389.59 | 389.59 | 389.59 | 389.59 | 1,558.34 |
| Shubija f'Assocjazzjonijiet Internazzjonali | 1,750.00 | | | | | |
| Spejjes ta' l-Ufficju | 600.00 | 1,125.00 | 1,125.00 | 1,125.00 | 1,125.00 | 4,500.00 |
| Trasport | 265.00 | 237.50 | 237.50 | 237.50 | 237.50 | 950.00 |
| Vjaggar/safar | | | | | | |
| Informazzjoni æall-Publiku | 375.70 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| Servizzi b' Kuntratt | 36,250.00 | 23,000.00 | 23,000.00 | 23,000.00 | 23,000.00 | 92,000.00 |
| Servizzi Professjonali | 6,250.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 10,000.00 |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 3,250.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 7,000.00 |
| Spejjez ta' LES | 7,500.00 | 900.00 | 900.00 | 900.00 | 900.00 | 3,600.00 |
| Spejjez Incidentali | 400.00 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 1,000.00 |
| **Infieq Kapitali** | | | | | | |
| Xiri ta' propjeta | | | | | | |
| Bini | 144,000.00 | 17,500.00 | 17,500.00 | 17,500.00 | 17,500.00 | 70,000.00 |
| Titjib | | 11,750.00 | 11,750.00 | 11,750.00 | 11,750.00 | 47,000.00 |
| Makkinarju u Apparat | 500.00 | | | | | |
| Progetti Specjali | | 73,500.00 | 73,500.00 | 73,500.00 | 73,500.00 | 294,000.00 |
| **TOTAL** | **225,517.12** | **157,680.93** | **157,680.92** | **157,680.92** | **157,680.93** | **630,723.68** |
| **SURPLUS/DEFICIT** | **(25,960.87)** | **255.08** | **255.08** | **255.08** | **255.07** | **1,020.32** |
| **BROUGHT FORWARD** | **96,580.87** | **70,620.00** | **70,875.08** | **71,130.16** | **71,385.25** | **70,620.00** |
| **CARRY FORWARD** | **70,620.00** | **70,875.08** | **71,130.16** | **71,385.25** | **71,640.32** | **71,640.32** |

| DESKRIZZJONI | QTR 4<br>OCT-DEC<br>2012<br>(€) | QTR 1<br>JAN-MAR<br>2013<br>(€) | QTR 2<br>APR-JUN<br>2013<br>(€) | QTR 3<br>JUL-SEP<br>2013<br>(€) | QTR 4<br>OCT-DEC<br>2013<br>(€) | TOTAL<br>2013<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dhul** | | | | | | |
| **Tal-Gvern** | | | | | | |
| Annwali | 87,056.25 | 89,186.00 | 89,186.00 | 89,186.00 | 89,186.00 | 356,744.00 |
| Supplimentari | | | | | | |
| Bzonnijiet Specjali | 72,000.00 | | | | | |
| Entitajiet Publici/Governattivi | | | | | | |
| Ohrajn | | 65,500.00 | 65,500.00 | 65,500.00 | 65,500.00 | 262,000.00 |
| **Bye-Laws** | | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | | | | | | |
| Kontravvenzjonijiet - LES | 37,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 10,000.00 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | | |
| Generali | | | | | | |
| **Investiment** | | | | | | |
| Interess Bankarju | 3,000.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| **TOTAL** | **199,556.25** | **157,936.00** | **157,936.00** | **157,936.00** | **157,936.00** | **631,744.00** |
| **Infieq** | | | | | | |
| **Salarji u Pagi** | | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 1,909.21 | 2,371.49 | 2,371.49 | 2,371.49 | 2,371.50 | 9,485.97 |
| Allowance lil-kunsilliera | 1,860.00 | 2,100.00 | 2,100.00 | 2,100.00 | 2,100.00 | 8,400.00 |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 13,250.00 | 14,568.49 | 14,568.48 | 14,568.48 | 14,568.48 | 58,273.93 |
| Bonus | | 384.25 | 384.25 | 384.25 | 384.25 | 1,537.00 |
| Dhul Supplimentari | 300.00 | | | | | |
| Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Socjali | 1,211.21 | 1,338.61 | 1,338.61 | 1,338.61 | 1,338.61 | 5,354.44 |
| 'Allowances' | | | | | | |
| 'Overtime' | 565.50 | 516.00 | 516.00 | 516.00 | 516.00 | 2,064.00 |
| **Manutensjoni u Xogholijiet ohra** | | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 1,525.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 5,000.00 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 544.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| Tiswijiet u manutensjoni | 2,500.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 5,000.00 |
| Kera | 711.50 | 389.59 | 389.59 | 389.59 | 389.59 | 1,558.34 |
| Shubija f'Assocjazzjonijiet Internazzjonali | 1,750.00 | | | | | |
| Spejjes ta' l-Ufficju | 600.00 | 1,125.00 | 1,125.00 | 1,125.00 | 1,125.00 | 4,500.00 |
| Trasport | 265.00 | 237.50 | 237.50 | 237.50 | 237.50 | 950.00 |
| Vjaggar/safar | | | | | | |
| Informazzjoni æall-Publiku | 375.70 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| Servizzi b' Kuntratt | 36,250.00 | 23,000.00 | 23,000.00 | 23,000.00 | 23,000.00 | 92,000.00 |
| Servizzi Professjonali | 6,250.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 10,000.00 |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 3,250.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 7,000.00 |
| Spejjez ta' LES | 7,500.00 | 900.00 | 900.00 | 900.00 | 900.00 | 3,600.00 |
| Spejjez Incidentali | 400.00 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 1,000.00 |
| **Infieq Kapitali** | | | | | | |
| Xiri ta' propjeta | | | | | | |
| Bini | 144,000.00 | 17,500.00 | 17,500.00 | 17,500.00 | 17,500.00 | 70,000.00 |
| Titjib | | 11,750.00 | 11,750.00 | 11,750.00 | 11,750.00 | 47,000.00 |
| Makkinarju u Apparat | 500.00 | | | | | |
| Progetti Specjali | | 73,500.00 | 73,500.00 | 73,500.00 | 73,500.00 | 294,000.00 |
| **TOTAL** | **225,517.12** | **157,680.93** | **157,680.92** | **157,680.92** | **157,680.93** | **630,723.68** |
| **SURPLUS/DEFICIT** | **(25,960.87)** | **255.08** | **255.08** | **255.08** | **255.07** | **1,020.32** |
| **BROUGHT FORWARD** | **96,580.87** | **70,620.00** | **70,875.08** | **71,130.16** | **71,385.25** | **70,620.00** |
| **CARRY FORWARD** | **70,620.00** | **70,875.08** | **71,130.16** | **71,385.25** | **71,640.32** | **71,640.32** |